**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR 181256** **02.06.2018**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***Wirja kontra l-armi tal-qerda tal-massa fil-Parlament***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia nawgura l-wirja 'Kontra l-Armi tal-Qerda tal-Massa' fil-*foyer* tal-Parlament.

L-Ispeaker qal li l-gwerer u l-kunflitti reġjonali wasslu għat-telfien tal-ħajja umana, b'dannu kbir għall-istess umanità. Hu kompla billi qal li l-użu ħażin tar-riżorsi kemm umani, materjali u ekonomiċi, inkluż investiment qawwi fl-armi tal-qerda tal-massa, għandhom jitqiesu bħala telf ta' opportunitajiet ta' żvilupp uman f'setturi bħal edukazzjoni, kura medika, biedja u sajd, bini ta' djar residenzjali, industrija, infrastruttura, telekommunkazzjoni, enerġija, fost ħwejjeġ oħra. Il-futur tal-umanità għandu jkun bbażat fuq prinċipji għonja fost dawn, l-għarfien, ħarsien u rispett tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem, u kollaborazzjoni fost il-ġnus f'diversi oqsma li huma utli sabiex titjieb il-ħajja umana u jingħelbu l-problemi li jifnu lill-bnedmin, fost dawn, il-faqar, l-injoranza, il-mard u n-nuqqas ta' xogħol.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia tenna li din il-wirja hija ntiża sabiex turi lill-ġnus li jistgħu jaħdmu flimkien sabiex itejbu l-livell ta' żvilupp uman fid-dinja.

Patri Mark Montebello, reliġjuż u għalliem, kif ukoll is-Sur Sammy Meilaq kienu mistiedna sabiex jaqsmu l-ideat tagħhom fuq dan is-suġġett. Indirizzaw lil dawk preżenti wkoll l-Membri Parlamentari Glenn Bedingfield u Karl Gouder.

Il-pubbliku jista' jżur din il-wirja fil-Parlament ta' Malta, mill-Ħadd, 3 sal-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju 2018.

**Attachments: photos** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**